MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 1191/2004/1

**Cassar Airconditioning Systems Limited**

**vs**

**Norman Zammit**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta’ Settembru 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta’ Gunju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm577.55 (hames mija sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ikbar ta’ xoghol ta’ ‘membrane’ li sar mis-socjeta` attrici fil-fond propjeta` tal-konvenut.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas is-somma hames mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm577.55) (Dok ‘CAS1’ u ‘CAS2’) rappresentanti bilanc minn prezz akbar dovut ghal xoghol ta’ ‘membrane’ li sar lilek mis-socjeta` fil-fond propjeta` tieghek bl-isem ta’ ‘Tal-Qarqoccu’ fi Triq Jules Verne, San Pawl tat-Targa.

Bl-ispejjez, inkluz Lm11.80 (VAT Inkluza) bhala spejjez taz-zewg ittri legali datati 7 t’April 2004 u 7 ta’ Mejju 2004 (Dok ‘CAS3’ u ‘CAS4’) u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta u l-kontro-talba fejn inghad:-

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici minhabba r-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-eccipjenti qieghed jirrifjuta li jhallas lis-socjeta` attrici tax-xoghol minnu ezegwit ghaliex l-istess xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalkemm huwa talab lill-istess socjeta` sabiex tirrimedja n-nuqqasijiet li rrizultaw fix-xoghol imsemmi, baqghet inadempjenti. Fi kwalunkwe kaz, il-konvenut ghandu jiehu mis-socjeta` attrici somma ohra u qed jipprezenta talba rikonvenzjonali f’dan is-sens;
2. Stante illi l-ammont mhux dovut, il-konvenut m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-kawza izda dawn ghandhom jigu isoportati interament mis-socjeta` attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta attrici ghall-kontro-talba fejn inghad:-

1. Illi t-talba rikonvenzjonali maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodicili Civili;
2. Illi l-eccipjenti m’ghandhom ihallsu l-ebda danni lill-konvenut rikonvenzjonant stante li ma kkagunaw u m'huma responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tal-konvenut – rikonvenzjonanti;

3. Illi l-eccipjenti jecepixxi li fl-ewwel lok huma esegwew dan ix-xoghol skond is-sengha u l-arti fit-tieni lok il-konvenut qajjem din il-kwistjoni tal-hsarat biss wara li gie interpellat halli jhallas mis-socjeta` attrici.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta attrici qed jireklama bilanc ta' ammont dovut ghal xoghol maghmul fuq inkarigu tal-istess konvenut. Il-konvenut jallega li ghalkemm dovut, ma ghandhux ihallsu stante li x-xoghol sar hazin u giet lilu kagunata hsara.
Fuq din il-hsara hemm kontestazzjoni billi l-perit minnu nkarigat spezzjona l-fond fl-2004, meta x-xoghol sar sentejn qabel.

Mix-xhieda attrici, jirrizulta li waqt ix-xoghol, dahal l-ilma u saret il hsara. Dan effettivament kien minimu ghal ahhar. Inoltre, ma hemmx qbil bejn ix-xhieda tal-konvenut u l-perit minnu nkarigat. Wiehed jghid li nkarigah u acceda dakinhar stess, l-iehor jallega li mar sentejn warajh. Apparti dan in-nuqqas ta' qbil, jirrizulta li l-eccezzjoni tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata ta' preskrizzjoni hija nvalida. Apparti li ghaddew is-sentejn hawn non si tratta ta' att ta' allegat komunjoni ta' danni sic et simpliciter. Di fatti l-allegati danni hawn naxxenti minn att pozittiv tas-socjeta` attrici fin-nies minnha nkarigata biex jezegwixxi nkarigu lilha mghotija. F'dan il-kaz, l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta` hames (5) snin.

Jirrizulta lit-Tribunal illi purche l-konvenut haseb li ma kienx ser jigi mitlub ihallas il-bilanc, huwa ma kienx ser imexxi. Pero` huwa waslu ha l-passi mehtiega "a tempo vergine" u mhux jistenna jigi nkarigat b'talba simili bhala dik odjerna. Aktar u aktar meta ma setax jippruvaha f'dan l-istadju. Jibqa l-fatt pero` li wara sentejn il-konvenut kien ghadu qed ibati l-konsegwenzi. Ex lege dan it-Tribunal huwa marbut li jiddeciedi anki fuq bazi ta' ekwita sabiex il-pretensjonijiet legittimi tal-partijiet ma jigux memorati. Ikun ekwu li titnaqqas nofs is-somma mitluba mill-konvenut minn dik pretiza mill-attur noe Lm577.55 (hames mija

sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) titnaqqas Lm250 (mitejn u hamsin Lira Maltin) biex b'hekk tkun dovuta s-somma ta' Lm277.55 (mitejn sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu).

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm277.55 (mitejn sebgha u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu), jichad l-eccezzjonijiet kontra, jilqa l-kontro talba limitat tal-istess somma u jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenzjonati.

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kazi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

L-appell tas-socjeta` attrici fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza jikkonsisti f' dawn l-ilmenti:-

1. M' hemmx armonija bejn il-motivazzjonijiet tas-sentenza u l-parti dispozittiva taghha. Hi ssostni dan fuq il-kunsiderazzjoni illi t-Tribunal ghall-ewwel accetta t-tezi taghha u, sussegwentement, ghadda biex laqa' parti mit-talba rikonvenzjonali;

2. Fil-meritu, tikkontendi illi ma rrizultax mill-provi, lanqas dawk tal-perit inkarigat mill-konvenut, in-ness bejn il-fatt konstatat tal-hsarat u x-xoghol kondott minnha;

B' riflessjoni dwar l-ewwel ilment jokkorri qabel xejn jigi replikat dak li ntqal drabi ohra, u cjoe "*per riconoscere il vero portato di una sentenza, occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunciarsi e la discussione che precedette il suo giudizio, ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo, mettendolo in armonia colla motivazione la quale è anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato*" ("**Filippo Farrugia Guy *et* -vs- Sac. Angelo Farrugia**", Appell Civili, 12 ta' Novembru 1919). L-istess haga intqal fis-sentenza "**Salvatore Debono -vs- Ernest Royston Matthew *et***

***nomine***", Appell Civili, 24 ta' Ottobru 1966, u, cjoe, li "d-dispositiv ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premessi";

Ta' rilevanza tidher forsi li hi wkoll din l-osservazzjoni kaptata mis-sentenza "**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia**", Appell mit-Tribunal tal-Konsumatur, 9 ta' Lulju 1999, jigifieri li "kellu necessarjament ikun hemm rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni. Jekk tali rabta ma tirrizultax jew, dak li hu aghar, jekk tali rabta tkun tirrizulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali, allura jkun jonqos element essenzjali ta' decizjoni. Nuqqas li jinficja u jinvalida d-decizjoni";

Premessi dawn ir-riflessjonijiet gurisprudenzjali, jidher fil-kaz prezenti illi t-Tribunal adit kien rinfaccjat b' zewg domandi oppozitorji mill-kontendenti. Minn naha l-wahda, talba ghall-hlas tal-bilanc ghax-xoghol ezegwit mis-socjeta` appellanti fil-proprjeta` tal-konvenut. Minn naha opposta, talba rikonvenzjonali proposta mill-konvenut ghad-danni minnu pretiz, konsegwenti ghall-ezekuzzjoni hazina ta' l-istess xoghol. Anke jekk forsi r-ragonamenti tat-Tribunal setghu kienu aktar cari, ma jirrizultax minn ezami tas-sentenza illi tezisti dik id-disarmonija prospettata mis-socjeta` appellanti bejn il-parti razzjonali ta' l-istess sentenza u l-parti decizorja taghha. Jekk xejn, din kienet fl-istess parti razzjonali in kwantu ghal dik li hi l-konkluzjoni tas-sentenza din tidher li kienet sempliciment ir-rizultat tal-motivazzjonijiet li pprecedewha bhala l-antecedenti necessarji taghha. Anke hawn pero` dak li ghas-socjeta` appellanti hu meqjus bhala apparentement kontradittorju, u dan dejjem fl-istess korp tal-parti razzjonali tas-sentenza, fir-realta tal-provi processwali ma jidherx li dan hu hekk, anke jekk, b' ripetizzjoni, it-Tribunal messu rrediga r-ragonamenti tieghu b' aktar kjarezza. L-obbjezzjoni tas-socjeta` appellanti kontra s-sentenza appellata in kwantu ghal din il-kwestjoni ma tistax tigi accettata u akkolta;

Kwantu ghat-tieni ilment jidher li l-argoment kollu tas-socjeta` appellanti hu koncepit f' dan is-sens. Filwaqt li tirrikonoxxi, - u dwar dan m' hemmx kwestjoni in vista ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 - illi t-Tribunal ghandu principalment jiddeciedi skond l-ekwita`, eppure, ghaliha, l-apprezzament korrett tal-provi kellu ragonevolment iwassal ghas-soluzzjoni unika illi l-appellat ma rnexxielux jikkonvinci illi kien jezisti n-*nexus* necessarju bejn ix-xoghol ezegwit minnha u l-allegati danni lamentati. Hi tirpoza dan l-argoemnt taghha fuq il-kunsiderazzjoni illi l-perit inkarigat mill-konvenut ghamel il-verifiki tieghu sentejn wara li hi kienet itterminat ix-xoghol u, dippju, l-istess perit lanqas ma ddetermina li l-kawza tat-tixrib fis-saqaf tal-fond kienet provenjenti mix-xoghol kondott minnu;

Il-Kodici Civili taghna ma jikkontjeni ebda tifsira ta' x' inhu ness ta' kawzalita`. Jghid biss li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" (Artikolu 1031) li, indiskriminatament, huwa applikat mill-Qrati anke ghal rapporti kontrattwali. Hu pero` elementari, tirrileva s-sentenza a **Vol. XLI P II p 800**, fuq it-taghlim tal-**Fadda** (**Giurisprudenza sul Codice Civile**", Vol. V, pagna 721), illi "*per dare luogo a responsabilita` è necessario che esista un rapporto di causa ed effetto tra il fatto illecito e il danno*". Din hi l-hekk imsejha "kawzalita` tal-fatt" fis-sens illi mentri ta' l-ewwel tirreferi ghar-rapport li jorbot il-kondotta ma' l-event dannuz, fit-tieni, din tistabilixxi r-rilevanza guridika tal-konsegwenzi ekonomici sfavorevoli derivanti mill-fatt. In-ness hu allura dak l-istrument utilizzat biex jigi mputat id-dannu f' min hu responsabbli, kif ukoll biex tigi determinata l-konsegwenza tal-fatt dannuz rizarcibbli;

Dan premess, fuq ir-rikostruzzjoni u l-valutazzjoni tieghu tal-fatti t-Tribunal sab, anke jekk mhux bi kliem guridici precizi, illi, fil-fattispeci, in-ness bejn ix-xoghol ezagwit mis-socjeta` appellanti u d-dannu fil-fond tal-konvenut kien possibbli. Invece, is-socjeta` appellanti tinsisti illi jonqos in-ness indispensabbli bejn l-istess xoghol

imwettaq u d-dannu realizzat. Hi tibbaza din il-kontenzjoni taghha kemm fuq it-trapass taz-zmien bejn ix-xoghol ezegwit u d-dannu denunzjat u li l-perit imqabbad mill-konvenut ma rabatx ir-rizultat tal-hsara minnu determinat ma’ xi inosservanza da parti taghha ta’ dak l-obbligu pozittiv tal-kondotta taghha fl-ezekuzzjoni tax-xoghol. Kondotta din li, skond l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili, hi rapportata ghad-diligenza konsweta tal-*bonus paterfamilias*;

Minn ezami tar-rapport tal-Perit Joe Cassar (fol. 11), dak sottomess mis-socjeta` appellanti hu sa certu punt minnu, daqs kemm huwa veru wkoll illi bejn il-finalizzar tax-xoghol (Jannar 2002) u l-accertamenti ta’ l-imsemmi perit (13 ta’ Lulju 2004) ghaddew ‘il fuq minn sentejn. Dan pero` mhux necessarjament jeskludi illi bejn ix-xoghol ezegwit mis-socjeta` appellanti u l-infilzar ta’ l-ilma fis-saqaf (ara xhieda ta’ l-arkitett imsemmi a fol. 38) seta’ kien hemm ukoll dik l-efficjenza kawzali diretta bejn il-fatt ta’ xoghol mhux ezegwit sewwa u skond ir-regoli ta’ l-arti u l-event dannuz konstatat. Jidher li hu dan li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni biex wasal ghal gudizzju tieghu, akkoppjat, s’ intendi, mar-riljev illi, kif jirrizulta mill-provi, gja fil-kors ta’ l-ezekuzzjoni tax-xoghol kien dahal ilma minn qasma fis-saqaf u li skond ix-xhud George Mintoff (fol. 22) inkargiat flimkien ma’ George Micallef (fol. 24), it-tnejn impjegati tas-socjeta` appellanti, huma ma kienux lahqu ghattewha mill-ewwel;

Anke f’ dan ir-ragonament tieghu jidher li t-Tribunal ghamel rifless fuq il-kondotta tal-konvenut appellat. Dan b’ mod li orjenta l-konkluzjoni tieghu, u bl-adoperu tal-principju ta’ l-ekwita`, versu dik ir-riduzzjoni ta’ l-ammont tad-danni pretizi mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu in rapport ghall-apprezzament komplessiv tal-fatti u ta’ dik l-attenzjoni ghall-efficjenza kawzali ta’ l-imgieba ta’ kull wiehed mill-kontendenti. Fic-cirkostanzi ma jidherx li hu l-kaz li din il-Qorti titbieghed mill-konkluzjoni raggunta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------